32005D0726

19.10.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 273/21

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-17 ta' Ottubru 2005

## li temenda d-Deċiżżjoni 2005/464/KE dwar l-implimentazzjoni ta' programmi ta' stħarriġ għall-influwenza tat-tjur fit-tjur u fl-għasafar selvaġġi li jsiru fl-Istati Membri

*(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 3960)*

(2005/726/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tipprovdi għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità biex jitwettqu miżuri tekniċi u xjentifiċi meħtieġa għall-iżvilupp tal-leġislazzjoni veterinarja Komunitarja u għall-edukazzjoni u t-taħriġ veterinarju.

(2) Il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Saħħa ta' l-Annimali u l-Benessri ta' l-Annimali, f' rapport tas-27 ta' Ġunju 2000, irrikmandaw li jsir stħarriġ fuq qatgħat tat-tjur tar-razzett u ta' l-għasafar selvaġġi għall-influwenza tat-tjur, b' mod partikolari sabiex tinsab il-prevalenza ta' l-infezzjonijiet bl-influwenza tat-tjur mill-virus tas-subtipi H5 u H7.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/40/KEE tad-19 ta' Mejju 1992 li tintroduċi l-miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur ([2]) tiddefinixxi l-miżuri ta' kontroll tal-Komunità li għandhom jiġu applikati fil-każ li jkun hemm tfaqqigħa ta' l-influwenza tat-tjur fit-tjur. Madanakollu, tipprovdi għall-stħarriġ regolari ta' dik il-marda fit-tjur u fl-għasafar selvaġġi.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/464/KE tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-implimentazzjoni ta' programmi ta' stħarriġ għall-influwenza tat-tjur fit-tjur u fl-għasafar selvaġġi li għandhom isiru fl-Istati Membri ([3]) tipprevedi l-implimentazzjoni fl2005 ta' stħarriġiet l-għall-influwenza tat-tjur fit-tjur tar-razzett u fl-għasafr selvaġġi fl-Istati Membri, soġġett għall-pjanijiet li għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni. Stħarriġ bħal dan għandu jinvestiga l-preżenza ta' l-infezzjonijiet fit-tjur tar-razzett, u dan jista' jwassal għal reviżjoni tal-leġislazzjoni kurrenti u jikkontribwixxi għall-għarfien ta' xi theddidiet possibbli għall-annimali u għall-bniedem mill-annimali selvaġġi. Dik id-Deċiżjoni tipprevedi li, sat-30 ta' Ġunju 2005, l-Istati Membri għandhom iressqu lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni il-programmi għall-implimentazzjoni ta' dak l-istħarriġ skond il-linji ta' gwida stipolati fl-Anness magħha.

(5) L-Istati Membri għandhom iressqu dawk il-programmi sat-30 ta' Ġunju 2005. Madanakollu, wara l-evoluzzjoni reċenti tas-sitwazzjoni ta' l-influwenza tat-tjur fl-Ażja, u b' mod partikolari fir-rigward tas-sorveljanza ta' l-għasafar migratorji, laqgħa ta' grupp ta' esperti li ltaqgħu fil-25 ta' Awwissu 2005 u fis-6 ta' Settembru 2005 kkonkludiet li, fid-dawl ta' l-għarfien eżistenti dwar ir-rotot migratorji ta' l-ispeċi ta' għasafar li jipproċedu lejn l-Ażja ċentrali u tal-punent, jinħtieġ li tissaħħah is-sorveljanza ta' l-għasafar selvaġġi u jiġu intenisfikati l-programmi ta' sorveljanza li huma diġà ppjanati għall-2005/2006, billi jiżdied il-kampjunar ta' tjur ta' l-ilma migratorji tul ir--rotot ta' titjir li jistgħu jippreżentaw riskju għall-introduzzjoni tal-mard.

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31).

([2]) ĠU L 167, 22.6.1992, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

([3]) ĠU L 164, 24.6.2005, p. 52.

(6) Skond dawn il-konklużjonijiet, l-Istati Membri mmodifikaw il-programmi tagħhom u kkomunikaw dawk l-emendi lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni. Sabiex ikunu jistgħu jiġu approvati dawk il-programmi emendati u biex il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja tiġi deċiża fiż-żmien meħtieġ, l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-programmi, il-lista tat-testijiet li għandhom jiġu ffinanzjati u l-kondizzjonijiet stipolati fl-Anness tad-Deċiżjoni 2005/464 għandhom jiġu emendati.

(7) Id-Deċiżjoni 2005/464 għandha għalhekk tiġi emendata kif jixraq.

(8) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2005/464/KE hi emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, "it-30 ta' Ġunju 2005" jinbidel b' "it-13 ta' Settembru 2005";

2. Fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt (e) li ġej:

   "e) Test-*PCR*:: EUR 10 għal kull test.";

3. Il-Parti D fl-Anness tinbidel bil-parti D fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

4. Il-Parti F tiġi inkluża fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar is-17 ta' Ottubru 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2005/464/KE hu emendat kif ġej:

1) Il-Parti D hija mibdula b'dan li ġej:

"D. STĦARRIĠ GĦALL-INFLUWENZA TAT-TJUR FL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

F' dawk l-Istati Membri fejn is-sorveljanza ser tinvolvi wkoll l-għasafar selvaġġi, il-linji ta' gwida li ġejjin għandhom jiġu segwiti.

D.1. *Għamla u implimentazzjoni ta' l-istħarriġ*

1. Ser tkun meħtieġa kooperazzjoni ma' l-istituzzjonijiet ta' konservazzjoni u ta' l-osservazzjoni ta' l-għasafar u ta' l-istazzjonijiet fejn jiġu mmarkati l-għasafar. Il-ġbir tal-kampjuni fejn huwa xieraq għandu jsir minn personal minn dawn il-gruppi/stazzjonijiet jew minn kaċċaturi.

2. Sorvelljanza attiva fuq għasafar li huma ħajjin jew kaċċati ser tkun immirata lejn:

   a) il-popolazzjoni ta' speċi ta' għasafar selvaġġi li jippreżentaw riskju ogħla biex jiġu identifikati, bbażat fuq:

      i) l-oriġini u r-rotti ta' migrazzjoni;

      ii) in-numri ta' għasafar selvaġġi fil-Komunita; u

      iii) il-possibbiltà ta' kuntatt ma' tjur domestiċi.

   b) l-identifikazzjoni tas-siti li qegħdin f' riskju, bbażata fuq:

      i) siti ta' taħlit ta' numru għoli ta' għasafar migratorji li jinvolvu speċi differenti u b' mod partikolari dawk li huma elemkati fil-Parti F;

      ii) qrubija mal-farms tat-tjur domestiċi, u;

      iii) lokazzjoni matul ir-rotti migratorji.

   Il-ġbir tal-kampjuni għandu jqis il-bixra migratorja skond l-istaġun, li jista' jvarja fi Stati Membri differenti, u l-ispeċi ta' għasafar li huma elenkati fl-Anness F.

3. Is-sorveljanza passiva ta' l-għasafar selvaġġi li jinstabu mejtin tista' timmira primarjament lejn l-okkorrenza ta' mortalità mhux normali jew lejn tfaqqigħ sinifikanti ta' mard fil-:

   a) speċi ta' għasafar selvaġġi li huma elenkati fil-Parti F u għasfar selvaġġi oħrajn li jgħixu f' kuntatt magħhom; u

   b) f'siti li jissmemmew fil-punt 2 (b) (i).

   L-okkorrenza tal-mortalità f' bosta speċi fl-istess sit għandha tkun fattur ieħor li għandu jitiqes.

D.2. *Proċeduri ta' ġbir tal-kampjuni*

1. Imselħiet mill-kavità ġenitali u intestinali għall-eżaminazzjoni viroloġika għandhom jittieħdu. Aktar minn hekk għall-għasafar 'ta' l-ewwel sena' fil-ħarifa, l-ispeċi ospitanti li għandhom suxxettibbiltà għolja u iktar kuntatt mat-tjur (bħalma huma l-papri Mallard) jistgħu joffru l-ogħla ċans ta' suċċess.

2. Minbarra l-imselħiet mill-kavità ġenitali jew mill-feċi, għandhom ukoll jinġabru kampjuni mit-tessuti (il-moħħ, il-qalb, il-pulmuni, il-kliewi u l-imsaren) ta' għasafar selvaġġi li jinstabu mejtin jew li ġew sparati għall-iżolazzjoni virali u l-analiżi molekolari (PCR). Tekniċi molekolari għandhom isiru biss f' laboratorji li jistgħu jiggarantixxu assikurazzjoni tal-kwalità u billi jintużaw metodi li huma rikonoxxuti mis-CRL għall-influwenza tat-tjur.

3. Il-kampjuni għandhom jinġabru minn speċi differenti ta' għasfar ħajjin u ħielsa. Għasafar ta' l-ilma u għasafar tax-xtut għandhom ikunu dawk li huma l-iktar fil-mira

4. Imselħiet li fihom il-feċi, jew il-feċi miġbur reċentament għandhom jittieħdu minn għasafar selvaġġi li ġew minsuba, kkaċċati u misjuba mejtin reċentement.

5. Jista' jiġi permess il-ġbir ta' ħames kampjuni mill-istess speċi miġbura fl-istess sit u fl-istess ħin. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-ħażna u t-trasport tal-kampjuni. Jekk it-trasport rapidu fi żmien 48 siegħa lejn il-laboratorju (fil-medju għat-trasport f' temperatura ta' 4° Celsius) mhux garantit, il-kampjuni għandhom jinħażnu biex jiġu trasportati fid-*dry ice* f' temperatura ta' -70° Celsius."

2) Il-Parti F li ġejja hija miżjuda:

"F. IL-LISTA TA' L-ISPEĊI TA' GĦASAFAR SELVAĠĠI LI JIPPREŻENTAW RISKJU OGĦLA FIR-RIGWARD TA' L-INFLUWENZA TAT-TJUR (*)

| | Isem bil-Latin | Isem bil-Malti (bl-Ingliż u bl-isem ġenerali Malti, fejn mhux disponibbli) |
|---|---|---|
| 1. | *Anser albifrons* | White-fronted Goose (wiżża) |
| 2. | *Anser fabalis* | Bean Goose (wiżża) |
| 3. | *Anas platyrhynchos* | Kuluvert |
| 4. | *Anas strepera* | Borka sekonda/Kuluvert griż ta' l-ilma ħelu |
| 5. | *Anas acuta* | Silfjun |
| 6. | *Anas clypeata* | Northern Shoveler |
| 7. | *Anas Penelope* | Eurasian Wigeon |
| 8. | *Anas crecca* | Sarsella |
| 9. | *Anas querquedula* | Sarsella Ħamra |
| 10. | *Aythya ferina* | Common Pochard (papra tal-ġenus Aythya) |
| 11. | *Aythya fuligula* | Tufted Duck (bħal fuq) |
| 12. | *Vanellus vanellus* | Venewwa |
| 13. | *Philomachus pugnax* | Girwiel |
| 14. | *Larus ribibundus* | Gawwija Rasha Kannella |
| 15. | *Larus canus* | Gawwija Sekonda |

(*) Kull speċi ta' għasafar selvaġġi li jgħixu fil-Komunità, inklużi l-ispeċi li huma elenkati fit-tabella f' din il-Parti, huma koperti mir-reġim ta' protezzjoni tad-Direttiva 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi u għalhekk għandha tingħata kull konsiderazzjoni lejn il-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal kull sorveljanza għall-Influwenza tat-Tjur."